*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,587, 20 ta' Frar, 1979*

*Taqsima C*

**Nru. 97**

20. 2. 79

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Joseph F. Abela, M.P., Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tat-8 ta' Frar, 1979.

**ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, Kap. 143.**

C. MIFSUD
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Joseph F. Abela, M.P., Minister of Finance, Customs and People's Financial Investments, and read the First time at the Sitting of the 8th February, 1979.

**AN ACT further to amend the Pensions Ordinance, Cap. 143.**

C. MIFSUD
*Clerk to the House of Representatives*

## ABBOZZ TA' LIĠI

### msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, Kap. 143.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej: —

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1979 li jemenda l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 20 tal-liġi prinċipali.

2. Minflok l-artikolu 20 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Applikazzjoni ta' l-Ordinanza.

20. Id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza għandhom japplikaw għall-uffiċjali kollha maħturin għas-servizz pubbliku ta' Malta wara l-bidu fis-seħħ ta' din l-Ordinanza iżda qabel il-15 ta' Jannar, 1979, u ebda pensjoni, gratifikazzjoni jew *allowance* ma għandha titħallas skond din l-Ordinanza, u ebda ħlas ieħor ma għandu jsir skond l-istess Ordinanza, lil xi persuna li ma kenitx uffiċjal qabel l-imsemmija data, jew lill-armla, iben jew qraba oħra ta' xi persuna bħal dik:

Iżda —

(i) kull persuna maħtura mal-Korp tal-Pulizija qabel l-1 ta' Frar, 1939, tista', billi tagħti avviż bil-miktub lill-Ministru responsabbli għall-finanzi, tagħżel li l-liġi applikabbli għaliha qabel dik id-data tibqa' hekk tapplika; u

(ii) id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza ma għandhomx japplikaw fil-każ ta' uffiċjal li dwaru, bis-saħħa ta' avviż mogħti skond l-artikolu 5 ta' l-Ordinanza ta' l-1939 li temenda l-Liġi tal-Korp tal-Pulizija, japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli mħassra b'dik l-Ordinanza.".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa li jillimita l-applikazzjoni ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet lill-uffiċjali pubbliċi li kienu ġa maħturin fis-servizz pubbliku qabel il-15 ta' Jannar, 1979.

# A BILL

## entitled

*AN ACT further to amend the Pensions Ordinance, Cap. 143.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title.

**1.** This Act may be cited as the Pensions (Amendment) Act, 1979, and shall be read and construed as one with the Pensions Ordinance, hereinafter referred to as "the principal law".

Substitution of section 20 of the principal law.

**2.** For section 20 of the principal law there shall be substituted the following:

"Application of Ordinance.

20. The provisions of this Ordinance shall apply to all officers appointed to the public service of Malta after the commencement of this Ordinance but prior to 15th January, 1979, and no pension gratuity or other allowance shall be payable under this Ordinance, nor shall any other payment be made thereunder, to any person who was not an officer before the date aforesaid, or to the widow, child or other relative of any such person:

Provided that —

(i) any person appointed to the Police force before the 1st February, 1939, may, by giving notice in writing to the Minister responsible for finance, elect that the law applicable to his case prior to that date shall continue so to apply; and

(ii) the provisions of this Ordinance shall not apply in the case of an officer to whom, by virtue of a notice given under section 5 of the Police Force (Amendment) Ordinance, 1939, the provisions of the sections repealed by that Ordinance apply.".

---

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to limit the application of the Pensions Ordinance to public officers who were already appointed to the public service before 15th January, 1979.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — *Published by the Department of Information*
Stampat fl-U.C.S. — Stamperija tal-Gvern — *Printed at the C.O.S. — Government Printing Press*
Prezz 1c — *Price 1c*